Il-liġi ta' liema pajjiż tapplika?

Ċipru

1 L-għejun tar-regoli fis-seħħ

1.1 Regoli nazzjonali

Meta titressaq kawża transfruntiera quddiem il-qorti, ir-regoli dwar liema liġi hija applikabbli f'Ċipru huma primarjament dawk previsti skont il-liġi tal-UE, b’mod partikolari r-Regolamenti (KE) Nru 593/2008 (Ruma I) dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali u (KE) Nru 864/2007 (Ruma II) dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali.

F’aspetti oħrajn, il-qrati Ċiprijotti huma ggwidati mill-ġurisprudenza tagħhom stess, minħabba li ma hemmx regoli kodifikati jew liġijiet nazzjonali rilevanti. Fin-nuqqas ta’ ġurisprudenza Ċiprijotta rilevanti, il-qrati japplikaw id-dritt komuni Ingliż skont l-Artikolu 29(1)(c) tal-Att dwar il-Qrati (il-Liġi 14/60).

1.2 Konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta’ Lulju 1985 dwar il-Liġi Applikabbli għat-trusts u dwar ir-rikonoxximent tagħhom, kif irratifikata mir-Repubblika ta’ Ċipru bis-saħħa tal-Att ta’ Ratifika 15(III) tal-2017.

1.3 Konvenzjonijiet bilaterali prinċipali

Mhux applikabbli.

2 L-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt ta’ liġijiet

2.1 L-obbligu tal-imħallef li japplika b’inizjattiva tiegħu stess ir-regoli dwar il-kunflitt ta’ liġijiet

L-imħallef mhuwiex obbligat japplika dawn ir-regoli fuq inizjattiva tiegħu stess. Il-kwistjoni tista’ titqajjem biss minn parti fil-kawża, li trid tipprova b’suċċess permezz ta’ xhieda li l-liġi ta’ stat ieħor tissostitwixxi l-liġi ta’ Ċipru. Jekk il-qorti ma tkunx sodisfatta, għandha tapplika l-liġi ta’ Ċipru.

Minħabba li l-prattika msemmija hawn fuq hija kwistjoni ta’ xhieda u proċedura, mhijiex affettwata mir-Regolamenti (KE) Nru 593/2008 u (KE) Nru 864/2007 imsemmija hawn fuq.

2.2 Rinviju dwar l-għażla ta’ liġijiet

Ir-Regolamenti (KE) Nru 593/2008 u (KE) Nru 864/2007 ma jippermettux l-applikazzjoni tar-regola ta’ rinviju. Madankollu, fil-kawżi mhux koperti mir-Regolamenti, ir-regola ta' rinviju tista’ tiġi applikata kif ġej:

Il-qorti li tisma’ kawża li għaliha huwa stabbilit li għandha tiġi applikata l-liġi ta’ Stat ieħor trid tapplika jew ir-regoli nazzjonali interni biss ta’ dik il-liġi, jew inkella dik il-liġi fl-intier tagħha, inklużi r-regoli internazzjonali applikabbli skont dik il-liġi.

Id-diffikultà fil-każ tal-aħħar tirriżulta mill-fatt li r-regoli dwar il-liġi applikabbli skont is-sistema legali tal-Istat l-ieħor ikkonċernat jistgħu jirreferu lill-imħallef għal-liġi ta’ Ċipru, li huwa jrid japplika (rinviju). F’dak il-każ, il-qorti għandha żewġ għażliet: jew li taċċetta r-regola ta’ rinviju u tapplika l-liġi ta’ Ċipru (it-teorija ta’ "rinviju parzjali"), jew tirrifjutaha u tapplika l-liġi tal-Istat l-ieħor fl-intier tagħha ("rinviju totali").

2.3 Bidla f'element ta' konnessjoni

Sabiex tiġi evitata kull problema li tista' tinqala' minn bidla fil-fattur ta’ konnessjoni (eż. id-domiċilju, il-post għal fejn ikunu ġew ittrasferiti l-proprjetà mobbli jew it-trust, eċċ.), ir-regola dwar il-liġi applikabbli normalment tintuża sabiex tiddetermina d-data li fiha jiġi identifikat il-fattur ta’ konnessjoni. Bħala eżempju, ara l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta’ Lulju 1985 dwar it-trusts.

2.4 Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni normali tar-regoli dwar il-kunflitt ta’ liġijiet

Il-liġi ta’ stat ieħor ma għandhiex tiġi applikata, lanqas meta r-regoli dwar il-liġi applikabbli jesiġu li tiġi applikata, jekk l-applikazzjoni tagħha tkun inkompatibbli mal-ordni pubbliku fir-Repubblika ta’ Ċipru. Skont il-ġurisprudenza, "ordni pubbliku" jinkludi l-prinċipji essenzjali tal-ġustizzja u l-moralità pubblika u l-etika (*Pilavachi & Co Ltd vs International Chemical Co Ltd (1965) 1 CLR 97).*

Il-liġi ta’ Stat ieħor ma għandhiex tiġi applikata lanqas fir-rigward tad-dazji, it-taxxi u t-tassazzjoni.

2.5 Prova ta’ liġi barranija

Għandha tapplika r-regola stabbilita fil-kawża ***Royal Bank of Scotland plc vs Geodrill Co Ltd u Oħrajn (1993) 1 JSC 753,*** li ddikjarat li parti li ssostni li liġi barranija hija applikabbli għall-kawża tagħha għandha l-ewwel tagħmel din l-affermazzjoni u mbagħad tipprovdi xhieda esperta tagħha għas-sodisfazzjon tal-qorti. Jekk il-qorti ma tkunx sodisfatta b’dik l-evidenza jew ebda waħda mill-partijiet ma tagħmel talba bħal din, mela għandha tapplika l-liġi ta’ Ċipru.

3 Ir-regoli dwar il-kunflitt ta’ liġijiet

3.1 Obbligi kuntrattwali u atti legali

Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 (Ruma I) japplika għall-obbligi kuntrattwali u l-atti legali kollha fejn titqajjem il-kwistjoni ta’ liema liġi għandha tapplika.

3.2 Obbligi mhux kuntrattwali

Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 (Ruma II) japplika fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, li r-regola ġenerali tiegħu hija li l-liġi applikabbli għandha tiġi ddeterminata abbażi ta’ fejn iseħħ id-dannu (*lex loci damni*), irrispettivament mill-pajjiż jew pajjiżi fejn jistgħu jseħħu l-konsegwenzi indiretti. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli speċifiċi dwar kif tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli għat-tipi speċifiċi ta’ obbligi mhux kuntrattwali, bħall-kompetizzjoni inġusta u r-responsabbiltà għall-prodotti.

Fir-rigward tat-trusts, tapplika l-Liġi (ta’ Ratifika) tal-2017 Applikabbli għat-Trusts u dwar ir-Rikonoxximent tagħhom (il-Liġi 15(III)/2017), li rratifikat il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1985. Skont il-Liġi ta’ Ratifika u l-Konvenzjoni, trust għandu jiġi rregolat mil-liġi magħżula mill-fiduċjarju. Inkella, trust għandu jiġi rregolat mil-liġi li magħha jkun konness l-aktar mill-qrib.

3.3 L-istat personali, l-aspetti tiegħu marbuta mal-istat ċivili (isem, domiċilju, kapaċità)

Il-kunjom

Il-Liġi dwar ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal (il-Liġi 216/90) tapplika għad-determinazzjoni tal-kunjom. Skont il-Liġi 216/90, il-kunjom ta’ wild jiġi ddeterminat permezz ta’ dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-ġenituri tal-wild fi żmien tliet xhur mid-data tat-twelid. Jekk huma jonqsu li jagħmlu dikjarazzjoni bħal din, il-wild jingħata l-kunjom tal-missier. Il-kunjom tal-omm għandu jingħata lil wild imwieled barra miż-żwieġ ħlief jekk, jew sakemm, il-wild jiġi rikonoxxut mill-missier.

Id-domiċilju

Id-domiċilju ta’ persuna jiġi ddeterminat mill-Kapitolu 195 tal-Att dwar it-Testmenti u s-Suċċessjoni, li jistabbilixxi li kull persuna jkollha, fi kwalunkwe żmien partikolari, jew id-domiċilju li tkun irċeviet fit-twelid ("domiċilju tal-oriġini") jew domiċilju li tkun akkwistat jew żammet minn jeddha ("domiċilju tal-għażla").
Fil-każ ta’ wild leġittimu mwieled matul il-ħajja ta’ missieru, id-domiċilju tal-oriġini tal-wild ikun id-domiċilju tal-missier sa mit-twelid tiegħu.
Fil-każ ta’ wild imwieled barra miż-żwieġ, jew wild imwieled wara l-mewt ta’ missieru, id-domiċilju tal-oriġini tal-wild ikun id-domiċilju tal-omm sa mit-twelid tiegħu.
Il-kapaċità
Il-kapaċità ta’ persuna li tiżżewweġ hija soġġetta għall-Att dwar iż-Żwieġ (il-Liġi 104(I)/2013), li l-Artikolu 14 tiegħu jistabbilixxi li persuna ma jkollhiex il-kapaċità li tiżżewweġ jekk tkun taħt it-tmintax-il sena jew jekk, mid-data meta jiġi kuntrattat iż-żwieġ, ma tkunx tista’ tagħti l-kunsens minħabba disturb jew defiċjenza mentali, kundizzjoni jew marda fil-moħħ jew kundizzjoni jew marda oħra, jew inkella minħabba dipendenza fuq sustanzi, li tagħmilha impossibbli li tali persuna tifhem u tkun konxja ta’ dak li qed tagħmel.
Madankollu, anki jekk il-koppja kkonċernata, jew xi ħadd minnhom, ikunu taħt it-tmintax-il sena, huma jitqiesu bħala li għandhom il-kapaċità li jiżżewġu jekk ikollhom mill-inqas sittax-il sena jew jekk il-kustodji tagħhom ikunu taw il-kunsens tagħhom bil-miktub jew jekk ikun hemm raġunijiet serji li jiġġustifikaw iż-żwieġ. Meta l-kunsens imsemmi hawn fuq jiġi rrifjutat jew ma jkun hemm ebda kustodju, il-kwistjoni ta’ jekk persuna għandhiex il-kapaċità li tiżżewweġ għandha tissolva mill-qorti tal-familja tad-distrett fejn tgħix il-persuna kkonċernata.
Fir-rigward tal-kapaċità li jitwettqu atti legali, l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 149 tal-Att dwar il-Kuntratti jistabbilixxi li persuna jkollha l-kapaċità li tidħol f’kuntratti jekk tkun kapaċi tirraġuna sewwa u ma tkunx ġiet imċaħħda minn dik il-kapaċità bil-liġi. Il-liġi tistabbilixxi li persuna miżżewġa ma titqiesx bħala inkapaċi li tidħol f’ kuntratti għall-unika raġuni li hija taħt it-tmintax-il sena.

3.4 Li tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal, inkluża l-adozzjoni

3.4.1 Li tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal

Ir-relazzjoni legali bejn ġenitur u wild, inklużi r-responsabbiltà tal-ġenituri, il-manteniment u l-komunikazzjoni, hija rregolata mil-liġi ta’ Ċipru, b’mod partikolari l-Liġi dwar ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal (il-Liġi 216/90).
Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 (Brussell IIa) u r-Regolament (KE) Nru 4/2009, kif ukoll il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ġuriżdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal, japplikaw ukoll fir-rigward tal-kwistjonijiet li jkopru.

3.4.2 L-adozzjoni

Meta l-proċedimenti tal-adozzjoni jitmexxew fil-qrati Ċiprijotti, tapplika l-liġi ta’ Ċipru, irrispettivament minn jekk il-kawża tal-adozzjoni tkunx transfruntiera fin-natura tagħha.

3.5 Iż-żwieġ, koppji mhux miżżewġin/li jikkoabitaw, sħubijiet, divorzju, separazzjoni ġudizzjarja, obbligi ta’ manteniment

3.5.1 Żwieġ

Il-kwistjonijiet relatati mal-kuntrattar u x-xoljiment ta’ żwieġ huma rregolati f’Ċipru mill-Att dwar iż-Żwieġ tal-2003 (il-Liġi 104(I)/2003). Huma soġġetti wkoll għall-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Kunsens għaż-Żwieġ, l-Età Minima għaż-Żwieġ u r-Reġistrazzjoni taż-Żwiġijiet, kif irratifikata fir-Repubblika ta’ Ċipru mil-Liġi 16(III)/2003.

3.5.2 Koppji mhux miżżewġin/li jikkoabitaw u sħubijiet

3.5.3 Id-divorzju u s-separazzjoni ġudizzjarja

Il-kwistjonijiet relatati mad-divorzju huma rregolati mill-Artikolu 111 tal-Kostituzzjoni u mill-Att dwar it-Tentattiv ta’ Rikonċiljazzjoni u x-Xoljiment Spiritwali taż-Żwieġ tal-1990 (il-Liġi 22/1990) fir-rigward taż-żwiġijiet reliġjużi u l-Att dwar iż-Żwieġ (il-Liġi 104(I)/2003).
Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar ir-Rikonoxximent tad-Divorzji u s-Separazzjonijiet Legali tal-1971, kif irratifikata mir-Repubblika ta’ Ċipru permezz tal-Liġi 14(III) 1983, tapplika għall-kwistjonijiet relatati mar-rikonoxximent ta’ divorzju u separazzjoni legali.

3.5.4 L-obbligi ta' manteniment

L-obbligi ta’ manteniment
Skont l-Att dwar il-Proprjetà Matrimonjali (il-Liġi 232/1991), kif emendat:
Jekk il-konjuġi jieqfu jikkoabitaw, il-qorti tista’, fuq talba ta’ parti mill-konjuġi, toħroġ ordni ta’ manteniment għall-parti l-oħra tal-konjuġi sabiex tħallas allowance għall-manteniment lill-konjuġi rikorrent.
L-obbligi ta’ manteniment bejn ekskonjuġi japplikaw meta xi ħadd minnhom ma jkunx jista’ jmantni lilu nnifsu mill-introjtu jew mill-proprjetà tiegħu u:
(a) jekk, meta jiġi ffinalizzat id-divorzju jew malli jiskadu l-perjodi ta’ żmien speċifikati hawn taħt, l-età jew l-istat ta’ saħħa tagħha jkunu tali li l-persuna ma tkunx tista’ tkompli fl-impjieg tagħha, li jwassal biex jiġi żgurat li ma tkunx tista’ tmantni lilha nnifisha;
(b) jekk il-persuna jkollha l-kura ta’ minuri jew wild adult jew persuna dipendenti oħra li ma tkunx tista’ tieħu ħsieb lilha nnifisha minħabba diżabilità fiżika jew mentali u, b’hekk, il-persuna li tagħmel it-talba ma tkunx tista’ ssib impjieg addattat;
(ċ) il-persuna ma tkunx tista’ ssib impjieg xieraq u stabbli jew tkun teħtieġ taħriġ vokazzjonali, għal mhux aktar minn tliet snin minn meta jiġi ffinalizzat id-divorzju;
(d) fi kwalunkwe każ ieħor fejn l-għoti tal-manteniment fil-mument li jiġi ffinalizzat id-divorzju jkun neċessarju għal raġunijiet ta’ ekwità.
Il-manteniment jista’ jiġi mċaħħad jew ristrett għal raġunijiet importanti, speċjalment jekk iż-żwieġ kien għal żmien qasir jew jekk il-parti mill-konjuġi li tista’ tkun intitolata għal manteniment tkun il-ħtija tad-divorzju jew tal-waqfien tal-koabitazzjoni barra mir-rabta taż-żwieġ jew inkella tkun wasslet lilha nnifisha f’ sitwazzjoni ta’ faqar volontarjament.
Barra minn hekk, l-intitolament għal manteniment għandu jintemm, jew l-ordni ta’ manteniment għandha tiġi mmodifikata kif xieraq, meta ċ-ċirkostanzi jkunu jirrikjedu dan.
L-obbligi ta’ manteniment għal wild minuri
Skont il-Liġi dwar ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal (il-Liġi 216/90), l-obbligi ta’ manteniment għal wild minuri jaqgħu fuq il-ġenituri b’mod konġunt skont il-mezzi finanzjarji tagħhom. L-obbligu tal-ġenituri msemmi hawn fuq jista’ jitkompla, bis-saħħa ta’ deċiżjoni u ftehim ġudizzjarju, anki wara li l-wild isir adult, meta dan ikun ġustifikat minn ċirkostanzi eċċezzjonali (eż. il-wild ikun inkapaċitat jew ikollu diżabilità jew ikun iservi mal-Gwardja Nazzjonali jew jattendi korsijiet fi stabbiliment edukattiv jew skola vokazzjonali).
L-intitolament għal manteniment ta’ wild minuri mingħand il-ġenituri tiegħu jibqa’ japplika anki jekk ikollu proprjetà tiegħu.

3.6 Reġimi matrimonjali dwar il-proprjetà

Għandu japplika l-Artikolu 13 tal-Liġi 232/1991, li r-regola ġenerali tiegħu hija li ż-żwieġ ma jbiddilx l-awtonomija tal-konjuġi fir-rigward tal-proprjetà.
Madankollu, l-Artikolu 14 tal-Liġi jippermetti li parti waħda mill-konjuġi titlob il-proprjetà tal-parti l-oħra fil-każ tax-xoljiment jew l-annullament taż-żwieġ, diment li l-parti mill-konjuġi li tagħmel it-talba tkun ikkontribwiet lejn iż-żieda tal-proprjetà tal-parti l-oħra tal-konjuġi bi kwalunkwe mod. Il-parti li tagħmel it-talba tista’, permezz ta’ azzjoni legali, titlob li l-parti taż-żieda li rriżultat mill-kontribuzzjoni tagħha titħallas lilha.

Il-kontribuzzjoni magħmula minn parti waħda mill-konjuġi lejn iż-żieda tal-proprjetà tal-parti l-oħra titqies bħala li hija terz taż-żieda, sakemm ma tiġix ipprovata kontribuzzjoni aktar baxxa jew ogħla.
Iż-żieda fil-proprjetà tal-konjuġi ma tinkludix dak li jkunu akkwistaw permezz ta' għotja, wirt, legat jew donazzjoni oħra.

3.7 Testmenti u s-suċċessjoni

Is-suċċessjoni u l-kwistjonijiet kollha relatati mal-wirt, ħlief għall-formola li tintuża sabiex jitfassal u jiġi rrevokat testment, huma rregolati mir-Regolament (UE) Nru 650/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.
F'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament imsemmi hawn fuq, persuna tista' tagħżel bħala l-liġi li tirregola s-suċċessjoni tagħha l-liġi tal-Istat li jkollha ċ-ċittadinanza tiegħu fil-mument li tagħmel l-għażla jew meta din tmut. L-għażla tal-liġi ssir permezz ta' dikjarazzjoni espliċita.
Meta jkun hemm testment fis-seħħ, għandha tapplika l-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar il-Konflitti tal-Liġijiet Relatati mal-Forma tad-Dispożizzjonijiet Testamentarji. F'konformità mal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni, dispożizzjoni testamentarja għandha tkun valida fir-rigward tal-forma, jekk il-forma tagħha tkun konformi mal-liġi interna:
(a) tal-post fejn ikun għamilha t-testatur, jew
(b) ta' nazzjonalità li għandu t-testatur, jew fil-ħin li jkun għamel id-dispożizzjoni, jew meta jmut, jew
(ċ) ta' post fejn it-testatur kellu d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tiegħu jew fil-ħin li jkun għamel id-dispożizzjoni, jew meta jmut, jew
(d) sa fejn huma kkonċernati proprjetajiet immobbli, tal-post fejn ikunu jinsabu.

3.8 Proprjetà reali

Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 (Ruma I), li jistabbilixxi li kuntratt jiġi rregolat mil-liġi magħżula mill-partijiet, japplika għar-relazzjonijiet li joħolqu obbligi li huma assoċjati ma' proprjetà immobbli. Fin-nuqqas ta' għażla, japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament, li jispeċifika espliċitament il-liġi applikabbli f'kull każ.
Fir-rigward tal-kuntratti relatati ma' drittijiet *in rem*, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-qrati ta' Ċipru, il-qorti tapplika l-ġuriżdizzjoni tal-pajjiż fejn tinsab il-proprjetà immobbli (*lex situs*).

3.9 Insolvenza

Il-liġi applikabbli hija ddeterminata mir-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar il-proċedimenti ta' insolvenza. Din hija l-liġi tal-Istat li fit-territorju tiegħu jinfetħu dawn il-proċedimenti.

L-aħħar aġġornament: 18/04/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.